MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1164/2002/1

**Dragonara Casino` Ltd.**

**v.**

**Casino` Employees' Union u b'digriet**
**tas-26 ta' Mejju, 2004 l-General Workers Union**
**assumiet l-atti minflok Casino` Employees' Union.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Ottubru, 2002 is-socjeta` attrici ppremettiet: illi b’Award Nru 1329 datat 30 ta’ Awissu 2002 it-Tribunal Industrijali ddecieda vertenza bejn il-partijiet; illi tali decizjoni kienet ultra petita stante illi d-decizjoni kienet teccedi it-talbiet promoturi b’dan illi gew decizi affarijiet li ma gewx mitluba mit-Tribunal kif jigi amplifikat waqt is-smiegh; illi ghalhekk id-decizjoni in kwistjoni hi invalida u minghajr effett; dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:

1) tiddikjara bhala null u bla effett l-Award Nru 1329 tat-Tribunal Industrijali moghti fit-30 ta’ Awissu 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti mharrkin ghas-subizzjoni.

B’nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-6 ta’ Jannar, 2003 il-*union* konvenuta eccepixxiet:

1. Illi preliminarjament l-Award Nru 1329 moghtija mit-Tribunal Industrijali fit-30 ta’ Awissu 2002 ma eccedietx it-talbiet promoturi u dunque hija ekwa, valida, gusta, u timmerita li tkun konfermata kif ser ikun trattat waqt is-smiegh tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suppost, tali Award ekwa, valida u gusta ma gietx accettata mis-socjeta` attrici mhux minhabba r-ragunijiet minnha ddikjarati izda minhabba li tali Award tista’ twassal lill-istess socjeta` attrici biex thallas eluf kbar ta’ liri maltin lill-haddiema, membri ta’ l-union konvenuta;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-26 ta’ Ottubru, 2005 meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, ddecidiet hekk:
***“Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li tichad parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif ser jidher mid-decizjoni, tichad it-talba***

***attrici fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu tas-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat-30 ta' Awissu, 2002, izda tilqaghha fir-rigward tat-tlett paragrafi l-ohra.***

***Spejjez jinqasmu fi kwoti indaqs bejn il-partijiet."***

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat;

"Illi l-atturi qed jattakkaw decizjoni tat-Tribunal Industrijali li nghatat fit-30 ta' Awissu, 2002. Is-socjeta` attrici qed tghid illi t-Tribunal mar oltre l-hekk imsejjha *terms of remit* illi bih kien gia' imsejjah biex jiddeciedi jew kif jinghad f'kazi simili huwa ddecieda *ultra petita*.

"Is-socjeta` attrici qed issostni li t-Tribunal kellu biss jeddiciedi jekk kellhiex dritt tibqa' tagixxi kif kienet fir-rigward tat-tqassim tat-*tips* bejn l-impjegati taghha u biex jordna lill intimati li kienu l-*house union* involuti biex tiddesisti milli tiehu azzjoni ndustrijali fuq din il-vertenza. Il-konvenuti qed jeccepixxu illi d-decizjoni tat-Tribunal ma kinitx *ultra petita* u li kienet gusta.

"Din hija wahda mill-ftit cirkostanzi fejn il-Qrati Civili ghandhom dritt jissindakaw decizjoni tat-Tribunal u in fatti ma giet intavolata ebda eccezzjoni rigward dan.

"Fis-sentenza <u>Sea Services Limited vs Paul Aquilina et</u> deciza fit-12 ta' Dicembru, 2001 din il-Qorti kkummentat hekk;

*"Kif inghad fis-sentenza <u>Joseph Micallef vs Stivala Distributors Limited</u> (PA 14 ta' Frar, 2001) fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tista' tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali u dan iktar u iktar fid-dawl ta' l-artikolu 31 tal-Kap. 266 fejn l-istess Tribunal ghandu fil-procedura tieghu jizgura illi ssir gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali."*

*"Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess is-sentenza John Holland et noe vs Julian Schembri (Appell Civili 20 ta' Mejju, 1991) stabbilit il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati limitatament ghar-ragunijiet segwenti:*

"*Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali tmur ultra vires u/jew meta ma tkunx assigurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' mpjieg.*"

"*Ta' l-istess portata hija s-sentenza Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar (Appell Civili 29 ta' Mejju, 1991) fis-sentenza Montalto vs Clews (PA 26 ta' Mejju, 1987) jinghad illi:*

"*Mis-suespost titnissel necessarjament il-konkluzjoni illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F'dawn iz-zewg vesti l-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-ligi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika meta tkun hekk giet mitluba u adita li t-Tribunal agixxa fil-limiti tal-ligi illi in forza taghha hu kostitwit. Evidentement imbaghad ghandha s-setgha li tara li t-Tribunal bl-ebda mod ma kiser xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem. (vide Borg D'Anastasi vs Decesare et Vol LXIII-iii-753 u Vella Gatt vs Cassar - PA 24 ta' Marzu, 1997).*"

"Ghalhekk l-uniku kompetenza ta' dawn il-Qrati (hawn kienu qed jitkellmu f'kazi ta' tkeccija ngusta izda dan jista' jkun applikabbli ghal kazi ohra bhala principju) huwa dak ta' judicial review – ara s-sentenzi Dottor Vincent Falzon noe vs Isabelle Grima - Vol LXXVII-ii-292 u Privitera vs Bonello – 11 ta' Frar, 1993 fejn intqal li ghalkemm tribunal jista' jinghata b'ligi specjali l-gurisdizzjoni esklussiva biex jiddeciedi kazi specifici, il-Qrati ordinarji xorta huma kompetenti li jissindikaw l-operat tat-tribunal izda limitatament ghal dik li hija; a) eccess ta' gurisdizzjoni b)

non-osservanza ta’ l-istess ligi kostitwita u c) non-osservanza tal-principji naturali tal-gustizzja.

“Il-kaz inqala’ meta s-socjeta` attrici mpjegat numru ta’ haddiema godda fl-1999 u dawn gew imweghda li jiehdu parti fit-tqassim tal-hekk imsejjah tronc. Il-*Union* konvenuta oggezzjonat ghal dan u fl-10 ta’ Novembru, 1999 kienet tat avviz ta’ azzjoni ndustrijali. Ghalhekk il-kaz spicca quddiem it-Tribunal Industrijali fuq talba tas-socjeta` attrici. It-Tribunal gie mitlub mill-atturi biex *jiddeciedi illi l-kumpanija ghandha dritt timxi bil-mod li qed tipproponi li timxi u jordna lil CEU illi tiddesisti minn kuill azzjoni ta’ opposizzjoni*. Il-konvenuti rrispondew illi *s-socjeta` kummercjali Dragonara Casino` Limited m’ghandhiex dritt tibdel is-sistema prezenti tat-tronc, li l-istess socjeta` ma ghandhiex dritt tiehu parti minnu u li t-tronc ghandu jinghata shih u cioe’ mija fil-mija lil-haddiema kollha u b’mod esklussiv tal-Gaming Section biss.*

“It-Tribunal iddecieda illi;

1. Is-sistema tat-tronc ma setghetx u ma tistax tinbidel u tinkludi mpjegati godda tad-Dragonara Casino` Limited minghajr il-kunsens tal-partijiet firmatarji tal-ftehim originali; ghall-istess raguni t-tribunal isib u jiddeciedi illi t-talba originali tas-CEU biex it-tronc kollu jkun allokat lill-Haddiema kollha tal-Gaming Section biss hija inaccettabbli;

2. Ghandha tinstab soluzzjoni biex l-impjegati l-godda, specjalment tal-Gaming Section jippartecipaw bi dritt mill-beneficcju tat-tronc;

3. Dan ghandu jsir preferibilment qabel izda mhux aktar tard mill-ftehim kollettiv gdid;

4. Il-hlasijiet li saru fil-mori tal-kwistjoni ma ghandhomx jigu rifuzi.

“Mill-ewwel hu car li ghalkemm it-Tribunal kellu zewg talbiet, ghal xi raguni hass li kellu jaghti erba’ decizjonijiet

fis-sentenza tieghu u dan palesament jikkostitwixxi decizjoni ultra petita. Huwa principju bazilari legali li l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq it-talbiet li ghandu quddiemu u mhux imur oltre dan; ghalkemm jista’ jhoss li t-talba tkun eccessiva u jiddeciedi li jaghti rimedju inqas minn dak mitlub – u meta jaghmel dan ghandu jghid ghaliex qed jaghmel hekk. Ma jistax zgur jaghti iktar minn dak mitlub. It-Tribunal f’dan il-kaz kellu jiddeciedi jekk is-socjeta` attrici setghetx tqassam it-tronc kif kienet qed tipproponi hi jew le; it-tieni talba dwar it-twaqqif ta’ azzjonijiet industrijali proposti hija konsegwenzjali. Ghalhekk certament li l-ahhar tlett decizjonijiet huma *ultra petita.* Kif jghid il-Malti huma pjacir mhux mitlub u f’dan il-kaz mhux nofsu izda *kollu mitluf*.

“L-unika diffikulta` hija jekk l-ewwel decizjoni u cioe’ li l-ftehim kollettiv kellu jigi osservat u allura l-impjegati godda ma jippartecipawx fit-tronc hijiex inkluza fit-talba. Huwa car li l-mod kif it-Tribunal esprima ruhu meta ta d-decizjoni huwa ghal kollox differenti mill-mod kif gie mistoqsi jirrispondi l-kwezit u kundanna ta’ min jafda decizjonijet legali f’persuni li ma ghandhom ebda tahrig legali. Dawn it-tip ta’ sentenzi flok isolvu l-problemi jikkawzaw ohrajn godda. It-Tribunal kellu biss jghid iva jew le u jispjega ghaliex. Minflok qal li s-sistema ma tistax tinbidel. Wiehed jifhem li meta qal hekk ried jghid li allura s-socjeta` attrici ma kellhiex dritt tibdel is-sistema ghaliex impjegat nies godda u allura rrispondiet negattivament ghall-mistoqsija li kellu quddiemu. Ghalkemm kif intqal il-mod kif irrisponda kien wiehed difettuz ghall-ahhar, il-Qorti thoss li r-risposta nghatat b’mod li wiehed jifimha u ma kinitx lill-hinn mit-talbiet tas-socjeta` attrici lit-Tribunal. Ghalhekk fuq dan il-Qorti m’hijex ser tiddeciedi adesivament ghat-talba attrici.”

**L-appell tal-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fl-14 ta’ Novembru, 2005 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti

inkwantu laqghet it-talbiet attrici u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici u dana billi anke l-ewwel paragrafu tad-*decide* tat-Tribunal Industrijali jigi dikjarat null u bla effett u kwindi d-decizjoni kollha tigi ddikjarata nulla u bla effett u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

L-ghaqda konvenuta appellata ma pprezentat ebda risposta biss fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2008 id-difensuri tal-partijiet ittrattaw ezawrjentement l-appell.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` attrici ghandha zewg tipi ta' impjegati. Dawk li kienu originarjament impjegati ma' Casma Limited li kienet tiggestixxi l-casino` li jinsab fid-Dragonara qabel ma hadet il-gestjoni tieghu s-socjeta` attrici; dawn l-impjegati gew "*seconded*" mas-socjeta` attrici u maghhom intlahaq ftehim kollettiv. Hemm ukoll dawk il-persuni l-ohra li gew impjegati mill-istess socjeta` attrici xi zmien wara li din hadet f'idejha l-gestjoni ta' l-istess casino`.

Il-kwistjoni li qamet bejn il-kontendenti, ossia s-socjeta` Dragonara Casino` Ltd u l-Casino` Employees' Union, kienet tikkoncerna l-mod kif kellu jigi distribwit it-*tronc* ossia t-*tips* li kienu jingabru u li hamsin fil-mija minnhom kienu jitqassmu lil dawk mill-impjegati li kienu jahdmu fil-gaming section. Skond ma kien gie miftiehem ma' l-impjegati taghha s-socjeta` attrici riedet, li minn dik il-parti mit-tronc dovuta lill-impjegati taghha fil-gaming section, jibenefikaw l-impjegati l-ohra kollha taghha billi ssir divizjoni ulterjuri ta' l-ammont kkalkolat u ssir distribuzzjoni aktar wiesa fost l-impjegati diretti. Il-Casino` Employees' Union oggezzjonat ghal dan minhabba l-precedent li kien ser jigi kkreat, liema precedent, kieku kellu jigi applikat fost firxa aktar wiesa tal-haddiema ex Casma u mhux fost tal-gaming biss, kien iwassal ghal tnaqqis ta' introitu ghan-nies tal-gaming tal-Casma. Infatti dan jidher car mir-risposta ta' Victor Zammit, President tal-Casino` Employees' Union, li fuq mistoqsija ta' Dr Andrew Borg Cardona li saqsa "*Qed nifhem illi kien il-precedent allura li nkwetakom?*" Huwa rrisponda hekk: "*Li kien qed*

*jinkwetana illi l-fifty per cent il-proportion taghna jibqghu dejjem gaming, ma jiehdu hadd ghax jekk jidhol sezzjoni ohra jkollu dritt jidhol kullhadd, anke dawk li jnaddfu fil-ghodu l-cleaners ghandhom dritt.*"

Dan stabbilit jidher li ma kien hemm ebda disgwid dwar il-fatt li dawk kollha impjegati fil-gaming section mas-socjeta` attrici, u cioe` kemm dawk li kienu ex Casma kif ukoll dawk impjegati direttament mis-socjeta` attrici kellhom kollha d-dritt jippartecipaw fl-ispartizzjoni tat-tronc. Dan jidher car minn dak li jinghad fir-raba' paragrafu ta' l-istqarrija tal-Kaz pprezentata mill-Casino` Employees' Union fit-tilwima ta' xoghol Kaz 1390. Hemm jinghad hekk:
"*Illi t-tronc ghandha tibqa' tinqasam kif kien isir qabel u cioe` bejn il-haddiema li jahdmu gewwa u jaghmlu parti mill-Gaming Section biss ad eskluzjoni specifika u cara ta kull haddiem illum.*"

Dan jidher ukoll mix-xhieda ta' l-istess Victor Zammit.

Ma intlahaqx ftehim u l-Casino` Employees' Union gharfet lis-socjeta` attrici li kienet ser tittiehed azzjoni industrijali. Ghalhekk is-socjeta` attrici, tramite l-avukat taghha, fis-26 ta' Ottubru, 1999 kitbet lill-Ministru ghall-Politika Socjali sabiex dan, a tenur ta' l-Artikolu 27 ta' l-att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 206), jibghat il-kwestjoni quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jisma' u jiddeciedi t-tilwima ta' xoghol bejn il-partijiet "*dwar kif jitqassam it-tronc*." Fl-ittra tal-10 ta' Novembru 1999 mibghuta lic-Chairman tat-Tribunal Industrijali l-istess Ministru zied jghid hekk: "*It-terms of remit huma dawk imnizzlin fl-ittra ta' l-avukat Andrew Borg Cardona bid-data tas-26 ta' Ottubru, 1999*." Din l-ittra intbghatet ukoll lill-istess Chairman.

L-ittra tas-26 ta' Ottubru, 1999 tghid hekk:
*"Premess li hemm tilwima industrijali fis-sehh bejn Dragonara Casino` Limited (il-kumpanija) u l-Casino` Employees' Union (CEU) dwar il-mod kif jitqassam it-tronc, liema tilwima giet fis-sehh peress illi il-CEU qeghda togezzjona illi l-kumpanija tiddistribwixxi l-istess tronc fost*

*l-impjegati diretti taghha b'metodu differenti ghal dak li biha jigi distribwit l-istess tronc fost impjegati tal-Casma Ltd li jaqghu taht id-direzzjoni tal-kumpanija skond ftehim appozitu, kif jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh.*

*"Premess illi l-oggezzjonijiet tal-CEU ma ghandhomx bazi fid-dritt stante illi d-drittijiet ta' l-impjegati rapprezentati minnha ma humiex qed jigu pregudikati mill-mod kif qed tagixxi l-kumpanija u ghalhekk l-agir tal-kumpanija huwa legittimu, kif jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh.*

*"Ghaldaqstant it-Tribunal huwa mitlub, wara li jisma' l-partijiet u jevalwa l-provi kollha li jingiebu, illi:*

1. *jiddeciedi illi l-kumpanija ghandha d-dritt timxi bil-mod kif qed tipproponi li timxi u*

2. *jordna lill-CEU illi tiddezisti minn kull azzjoni ta' oppozizzjoni*

*biex b'hekk tintemm din it-tilwima ta' xoghol.*"

Il-kwezit li tpogga quddiem it-Tribunal ma kienx jinvolvi kunsider-azzjonijiet dwar xi ftehim kollettiv bejn l-impjegati ex Casma u s-socjeta` attrici. Dak il-ftehim ma kienx ser jigi minsus billi l-ex Casma kienu ser jibqghu jippercepixxu dak li, skond l-istess ftehim, kienu kkuntrattaw mas-socjeta` attrici. Il-kwestjoni kollha kienet jekk is-socjeta` attrici kellhiex dritt li <u>minn dik il-parti tat-*tronc* li kienu ser jippercepixxu l-impjegati diretti taghha li jahdmu fil-Gaming Section</u>, u li ma kienx hemm kwistjoni dwaru, hi tiddistribwixxi parti minnu fost l-impjegati l-ohra taghha.

Ghalhekk it-Tribunal Industrijali kien skorrett meta, fil-konsiderazzjonijiet tieghu, beda biex qal hekk:
"*Tutto sommato, it-Tilwima tinvolvi l-proposta tal-kumpanija li tirrendi lill-impjegati li dahhlet direttament eligibbli li jiehdu t-tronc bhall-impjegati l-ohra tal-Casma.*"

Dan ghaliex it-tilwima kienet limitata ghal fatt li l-kumpanija riedet biss tqassam fost l-impjegati kollha taghha dik il-parti mit-*tronc* li gja bid-dritt kienu qed jippercepixxu l-

impjegati taghha ingaggati fil-Gaming Section.  Din il-proposta, kif gia` rajna, ma kinitx ser teffettwa lill-haddiem ex Casma fil-Gaming Section, izda l-opposizzjoni kienet qed issir minhabba l-precedent li seta' jinholoq.

Meta imbaghad it-Tribunal kompla jghid fil-konsiderazzjonijiet tieghu li "*irrispettivament mix-xewqa* [tas-socjeta` Dragonara Casino` Ltd] *li titnehha l-ingustizzja,* [ma jistax] *jinjora jew jirrevoka l-ftehim fuq it-tronc bejn il-partijiet involuti, ghar-raguni li l-ftehim ma jistax jigi mwarrab minghajr il-kunsens tal-partijiet li jkunu dahlu ghalieh*" l-istess Tribunal kien zbaljat billi hadd mil-partijiet ma ried jinjora jew jirrevoka l-ftehim fuq it-*tronc*. Dan baqa', u kien ser jibqa', vigenti anke jekk il-proposta tas-socjeta` attrici kellha tigi implimentata.  Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-konkluzzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal fil-paragrafu wiehed (1) tad-decide fis-sens li:
"1. *Is-sistema tat-tqassim tat-tronc ghall-impjegati tal-Casma ma setghetx u ma tistax tinbidel u tinkludi l-impjegati godda tad-Dragonara Casino` Ltd minghajr il-kunsens tal-partijiet firmatarji tal-ftehim originali.*"

ma kinitx tirrifletti l-punt ta' divergenza bejn il-partijiet izda, ghal kuntrarju, l-istess Tribunal mar oltre it-"*Terms of Remit*" tieghu.

Isegwi li l-hsieb tas-socjeta` attrici, u cioe` Dragonara Casino` Ltd, li d-decizjoni tat-Tribunal kienet *ultra petita* u dana stante illi d-decizjoni "*kienet teccedi it-talbiet promoturi b'dan li gew decizi affarijiet li ma gewx mitluba mit-Tribunal*" anke fir-rigward ta' l-ewwel paragrau tad-decide tat-Tribunal Industrijali; it-talba attrici kienet timmerita li tigi milqugha anke fir-rigward ta' dan l-ewwel paragrafu.

Din il-Qorti ghalhekk ma tikkondividix il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti, meta cahdet l-istess talba attrici fir-rigward ta' dan il-paragrafu fuq citat billi rriteniet li "*r-risposta nghatat b'mod li wiehed jifimha u ma kinitx lill-hin mit-talbiet tas-socjeta` attrici lit-Tribunal.*" Dan billi minn ezami tal-provi jidher li dak deciz bl-ebda mod ma kien

jirrispekkja l-qofol tad-dibattitu li kien ta’ lok ghat-tilwima ta’ xoghol bejn il-kontendenti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi milquh billi qed tigi revokata dik il-parti tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta’ Ottubru, 2005 fejn cahdet it-talba attrici fir-rigward ta’ l-ewwel paragrafu tas-sentenza tat-Tribunal Industrijali tat-30 ta’ Awissu, 2002, u minflok din il-Qorti qed tilqa’ t-talba attrici anke fir-rigward ta’ din il-parti tas-sentenza u b’hekk tiddikjara l-Award kollu Nru 1329 tat-30 ta’ Awissu, 2002 bhala null u bla effett.  Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-prim istanza, kontra l-ghaqda konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------